MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 1135/1997/1

Santo sive Sunny Attard
vs
Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol u Ghajnuna Socjali u l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li giet kjamata fir-rikors b'digriet tat-3 ta' Frar 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990 u l-1993 huwa kien sofra ingustizzja fis-sens li ma nghatax ix-xoghol li kien kwalifikat ghalih u li kien qed jirregistra ghalih.
Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Illi huwa kien impjegat mal-Hotel Phoenicia bhala Chief Security Officer/Time Keeper ghal madwar 20 sena sa ma din l-istess lukanda ghalqet fl-1990.

Illi appena spicca minn dan ix-xoghol huwa kien beda jirregistra biex jinghata xoghol alternattiv bhala security guard.

Illi dik is-sena stess kienu nholqu vakanzi ghal security guards fl-Isptar San Luqa, fil-Freeport u fl-Isptar San Vincenz De Paule.

Illi dawn l-istess vakanzi kienu nghataw lill-persuni li kienu jahdmu mieghu fil-Phoenicia Hotel ukoll bhala waiters u porters li l-anqas kienu qeghdin jirregistraw ghax-xoghol bhala security guards.

Illi minhabba f'dan huwa kien baqa' minghajr impjieg 3 snin u 8 xhur sakemm inghata xoghol mal-Korporazzjoni Telemalta.

Illi fiz-zmien li dam jirregistra u ghalhekk minghajr impjieg qatt ma kien gie offrut xi forma ta' impjieg.

Ghaldaqstant huwa hass illi kien hemm diskriminazzjoni fl-ghoti ta' impjieg li kien kwalifikat u qed jirregistra ghalih u b'hekk sofra danni morali u anke finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib in sostenn tal-ilmenti tieghu lix-xhieda indikati fl-elenku.
Ghaldaqstant huwa talab lil dan l-Onorabbli Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilmenti tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, li r-rikorrent ghandu jitqies li kien jisthoqqlu u li kien eligibbli ghax-xoghol kif jinghad fuq u ghalhekk jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kumpensat ghal dak kollu li sofra, skond kif jiddeciedi l-istess Onorabbli Tribunal, jew inkella jekk dak ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jinghata kumpens f'ammont li jigi komputat li taghmel tajjeb ghat-telf tieghu minhabba dan in-nuqqas.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol u Ghajnuna Socjali li eccepixxa:

Illi huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrent u f’kull kaz, it-talba tieghu ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta’ dana t-Tribunal.

Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li eccepiet:

Illi l-kaz in kwantu jirreferi ghalihom ma ghandux jinstema’ stante illi ddekada t-terminu li fih kellhom jigu ntavolati l-proceduri.

Illi minghajr pregudizzju l-kaz ma jaqax fid-diskrezzjoni tat-Tribunal.

Illi minghajr pregudizju l-allegazzjonijiet tar-rikorrent in kwantu jirreferu ghall-intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Korporazzjoni dejjem imxiet skond il-ligi fir-rigward tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma illi fl-1971 dahal impjegat fil-Hotel Phoenicia bhala waiter. Fl-1981/2 lahaq Chief Security. Semma li l-lukanda ghalqet fl-1990 u huwa mill-ewwel mar jirregistra mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bhala security guard. Semma li fl-1992 kienu nholqu vakanzi ghal security guard fl-Isptar San

Luqa, fil-Freeport u fl-Isptar San Vincenz de Paule u r-rikorrent kien ikkuntattja lill-Welfare Officer, certu Alfred Portelli li dan kien issuggerielu li jkellem lill-Case Officer tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig. Izda madanakollu hu baqa' ma ssejjahx. Ir-risposta tal-Case Officer kienet li r-rikorrent ma giex mghajjat ghaliex ried ikun gja impjegat mal-Gvern u ried ikun wiehed minn ta' gewwa, jigifieri ried ikun mid-Dipartiment, izda wara rrizulta li dan ma kienx minnu. Ir-rikorrent qal li kien jidher car li saret distinzjoni fil-konfront tieghu ghax is-security guards li kienu gew mghajta ma kienux impjegati tal-Gvern, izda kienu jahdmu mieghu gewwa l-Phoenicia Hotel.

Zied ighid li fost dawk il-persuni kien hemm Michael Camilleri li kien waiter, Emanuel Schembri li kien porter u Alfred Bugeja li kien kok li ma kellhomx l-esperjenza li kellu hu bhala security guards, ghax hu kien Chief Security.

Xehed ukoll li dawn in-nies kienu jhaddnu principju politiku differenti minn tar-rikorrent. Ir-rikorrent hass li kienet saret ingustizzja u diskriminazzjoni politika mieghu. Semma li hu kien ghamel tliet snin u tmien xhur bla impjieg u li fl-1991 l-ETC kienu baghtu ghalih ghal interview izda ma kienx gie maghzul. Minn dak inhar la qatt hadem u l-anqas qatt applika ghal xi job. Il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig f'dak iz-zmien li ghamel jirregistra qatt ma offrietlu ebda opportunita` ta' impjieg sakemm huwa impjega ruhu mal-Korporazzjoni Telemalta.

Qal li hu kien jaf b'dik il-call for application ghal security officers through l-Welfare Officer tas-Social Service tal-Hamrun li kien qallu biha. Semma li karti tas-sejha ghall-applikazzjoni ma rax u hu ma talabx biex jinghata kopja taghha meta qalulu li ma setax japplika.

Xehed Edwin Mallia Senior Executive mal-ETC li esebixxa l-work history ta' Alfred Bugeja, Michael Camilleri u Emanuel Schembri. Semma li Bugeja kien jahdem mal-Phoenicia mit-12 ta' Dicembru 1986 sad-9 ta' Frar 1990 bhala kok. Qal li fl-20 ta' Mejju 1991 Bugeja dahal mad-

Dipartiment tas-Sahha bhala HSO Trainee u sar HSO fl-1992 fejn kien ghadu hemm sa meta xehed.

Dwar Michael Camilleri qal li kien jahdem mal-Phoenicia bhala waiter. Qal li Camilleri dahal mal-Gvern fit-23 ta' Dicembru 1995 bhala Security u wara mar id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, Biedja u Sajd bhala Security Officer. Qal li fl-1992 Camilleri kien mal-AirMalta.

Dwar Schembri qal li beda mal-Phoenicia fl-1983 u baqa' sad-9 ta' Frar 1990 u kien porter. Fl-20 ta' Mejju 1991 dahal mad-Dipartiment tas-Sahha bhala Hospital Security Officer Trainee u fl-1992 sar HSO u dam sas-sena 2000. Qal li ma rrizultalux li dawn il-persuni kienu gew imsejha mill-ETC biex jahdmu fid-Dipartiment tas-Sahha. Normalment ikun hemm sejha fuq il-Government Gazette u mhux suppost li d-Dipartiment tax-Xoghol idahhal nies minghajr ma japplikaw.

Qal li Alfred Bugeja beda jirregistra fil-15 ta' Frar 1996 bhala Labourer. Michael Camilleri beda jirregistra fil-15 ta' Frar 1990 u tnizzel bhala Waiter u wara bhala Security Officer. Emanule Schembri beda jirregistra fil-11 ta' Frar 1990 bhala Porter u kompla bhala Telephone Attendant. Fl-4 ta' Dicembru 1990 ikkancella l-gradi li kien qed jirregistra fuqhom u beda jirregistra bhala linesman u security.

Xehed Mario Caruana Assistant Director fid-Dipartiment tax-Xoghol li llum jissejjah Employment and Industrial Relations li qal li r-rikorrent waqaf jahdem mal-Phoenicia fid-9 ta' Frar 1990. Beda jirregistra maghhom fl-14 ta' Frar taht Part I bhala Security Officer u f'Novembru zied jirregistra wkoll bhala Timekeeper. Semma li f'Novembru 1990 ir-records kollha tad-Dipartiment marru kollha l-ETC, bl-ETC jkunu responsabbli ghat-tfittix ta' xoghol. Jekk kien hemm xi talba ghall-impjieg din marret l-ETC.

Semma li fi Frar 1990 kienu marru numru ta' impjegati redundant mill-Phoenicia Hotel u bdew jirregistraw ghax-xoghol u fosthom kien hemm ir-rikorrent. Qal li fir-records hemm illi ir-rikorrent kien Timekeeper bejn it-2 ta'

Novembru 1970 u hadem sad-9 ta' Frar 1990. Fl-14 ta' Frar 1990 gie jirregistra bhala security officer u fis-26 ta' Novembru mar jirregistra bhala timekeeper.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi fl-20 ta' Frar 2001 it-Tribunal illibera lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li kienet giet kjamata fil-kawza b' digriet tat-3 ta' Frar 2000 ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess sentenza in segwitu tal-eccezzjoni taghha illi l-kaz in kwantu jirreferi ghaliha m' ghandhux jinstema' stante li ddekada t-terminu li fih kellhom jigu intavolati l-proceduri.

Irrizulta li r-rikorrent kien spicca mill-impjieg mal-Phoenicia Hotel fid-9 ta' Frar 1990 u mar jirregistra mal-initmat ghax-xoghol. Issa huwa car li l-initmat m' ghandu ebda obbligu taht il-ligi li jipprovdi xi job izda min naha l-ohra kellu l-obbligu li jinforma lir-rikorrent b' okkazjonijiet ta' xoghol. Izda skond ir-rikorrent stess kien hemm l-applikazzjonijiet li ghalihom irrefera fl-1992 u dan skond kif jirizulta mill-istess affidavit tar-rikorrent a fol 37 tal-process. Irrizulta wkoll li l-funzjoni tal-intimat li javza lin-nies li jkunu qed japplikaw ghal xi xoghol ghaddiet f' idejn l-ETC f' Novembru 1990 u cioe` ferm qabel iz-zmien li ghalih qieghed jirreferi l-istess rikorrent. Illi ghalhekk l-intimat qatt ma jista' jigi ritenut hati ta' xi nuqqas ghax ma rrizultat ebda okkazjoni ta' xoghol bejn Frar 1990 meta r-rikrorent beda jirregistra u Novembru 1990 meta xi funzjonijiet tal-intimat ghaddiet f' idejn l-ETC.

Dwar Michael Camilleri, Alfred Bugeja u Emanuel Schembri li spiccaw flimkien mar-rikorrent mill-Phoenicia Hotel huwa veru li dawn sabu impjieg iehor izda jirrizulta li Bugeja u Schembri dahlu jahdmu mad-Dipartiment tas-Sahha fl-20 ta' Mejju 1991 waqt li Camilleri dahal mal-AirMalta fl-1992 u ghalhekk wara li certu funzjonijiet u mansjonijiet tal-intimat kienu ghaddew f' idejn l-ETC. Ghalhekk dak li gie sottomess mir-rikorrent fin-nota tieghu a fol 80 tal-process li l-intimat ghamel ingustizzja mieghu meta sab impjieg ghal haddiehor u mhux ghalih mhix applikabbli. Dan iwassal li t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat li mhux il-legittimu kontradittur.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------